22000D0013

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 13/2000

tat-28 ta' Jannar 2000

li temenda l-Anness XIX (Protezzjoni tal-Konsumatur) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIX għall-Ftehim ġie emendat bid-DEċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/94 tal-21 ta' Marzu 1994 ([1]);

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi responsabbli għal soluzzjoni barra mill-qorti ta' disputi tal-konsumaturi ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 17 (Rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni 88/41/KE) fl-Anness XIX għall-Ftehim:

"18. **398 X 0257**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi responsabbli għal soluzzjoni barra mill-qorti ta' disputi tal-konsumaturi (ĠU L 115, tas-17.4.1998, p. 31)."

Artikolu 2

It-testi tar-Rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Jannar 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 160, tat-28.6.1994, p. 1.
([2]) ĠU L 115, tas-17.4.1998, p. 31.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Jannar 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO